MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 640/2002/1

**George Muscat li jiggestixxi d-ditta**
**"Transtrav Services"**

**Vs**

**Ashraf Sallam li jiggestixxi l-hanut**
**"Stardust Internet Café"**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,440.00c (elf, erba' mija w erbghin lira Maltin) rappresentanti kera dovuta mill-konvenut fuq il-hanut 106, Triq San-Xmun, Bugibba bir-rata ta' Lm90.00c (disghin lira Maltin) fix-xahar ghall-perjodu bejn Lulju 1999 u Ottubru 2000.
Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, u dan bla preguddizzju ghall- kwalsijasi drittijiet ohra spettanti lill-attur skond il-ligi.

Ra li l-konvenut debitament notifikat naqas li jippresenta Risposta jew jidher;

Ra li Dr John Refalo kkonferma bil-gurament li l-ammont ta' Lm1,440.00c (elf, erba' mija w erbghin lira Maltin) hu dovut;

Jilqa' t-talba attrici u jordna lill-konvenut biex ihallas lill-attur Lm1,440.00c (elf, erba' mija w erbghin lira Maltin) bl-ispejjez u bl-imghax mill-ahhar t'Ottubru 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------